MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 292/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Sabina Vardas (K.I. 89378M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socejta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u ghoxrin ewro, wiehed u disghin centezmu (€320.91) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ servizz/i moghtija mis-socjeta’ attrici kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta' Marzu, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tlett mija u ghoxrin ewro, wiehed u disghin centezmu (€320.91) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------